10 ta' Diċembru, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Salvatore Zammit *versus* Giuseppa Farrugia et.

**Azzjoni "de in rem verso" — Impediment tas-Safar**

*...parti l-kwistjoni wisq diskutibbli jekk l-azzjoni "de in rem verso" hijiex azzjoni reali jew personali, huwa ormaj assolut, anki fil-ġurisprudenza tagħna, illi dina l-azzjoni hija esperibbli "in subsidium", meta ma jkunx hemm favur il-kreditur rimedju kontrattwali jew kważi-kontrattwali. Għalhekk il-kreditur irid l-ewwel jeżawrixxi d-drittijiet tiegħu derivanti mill-kuntratt jew kważi-kuntratt; u jekk jirriżulta li jkun esperihom inutilment, allura jkun il-każ li wieħed jikkunsidra jekk hemmx jew le lok għall-azzjoni "de in rem verso". Sakemm dawn ir-rimedji ma jkunux ġew eżawriti mill-kreditur għas-sodisfazzjon tal-Qorti, l-azzjoni ċivili ssir intempestiva.*

*Billi l-kreditur ikun ottjena mandat ta' impediment tal-partenza kontra d-debitur tiegħu, u jkun anki pproroga dak il-mandat, biex jitħallas tal-kreditu, b'dana ma jkunx eżawrixxa r-rimedji kollha esperibbli biex jitħallas mingħand id-debitur tiegħu; u għalhekk ma jistax jirrikorri għall-azzjoni "de in rem verso"*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur, li biha, peress illi fil-fond nru. 59, St Paul's House, Via Marsa, Marsa, saru diversi xogħolijiet u spejjeż ta' injam u xogħolijiet oħra mill-attur, li jiswew dawn ix-xogħolijiet £30; f'liema ammont l-attur ġie kanonizzat kreditur ta' Espedito Farrugia, ir-raġel tal-konvenuta, b'sentenza mogħtija minn din

l-Onorabbli Qorti fit-2 ta' Mejju, 1952, għal liema atti l-attur jagħmel riferenza; u peress illi l-imsemmi Espedito Farrugia baqa' ma ħallasx l-imsemmi ammont ta' £30 għax-xogħolijiet fuq imsemmija, u dan għalkemm l-attur interpellaħ diversi drabi, kif ukoll għamel kontra tiegħu mandat ta' impediment ta' partenza, b'mod li l-ispejjeż inkorsi mill-attur fil-kawża fuq imsemmija deċiża fit-2 ta' Mejju, 1952 u fi proċeduri oħra jilħqu, skond l-annessa taxxa, l-ammont ta' £7.19.0; u peress illi x-xogħolijiet ta' injam fuq imsemmija saru kollha, kif ġa ntqal, fil-fond 59, St. Paul's House, Via Marsa, Marsa, li jappartjeni in proprjetà lill-konvenuta; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenuta tkun kundannata li tħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' £37.19.1, in kwantu għal £30 spejjeż ta' injam u xogħolijiet oħra magħmula fil-fond tal-konvenuta nru. 59, St. Paul's House, Via Marsa, Marsa, u in kwantu għal £7.19.1 spejjeż ta' proċeduri legali inkorsi mill-attur għar-rikavat ta' l-ammont ta' £30 fuq imsemmi; u dan in vista ta' drittijiet spettanti lill-attur kontra l-konvenuta bl-azzjoni "de in rem verso". Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, apparti l-kwistjoni wisq diskutibbli jekk l-azzjoni "de in rem verso" hijiex azzjoni reali jew personali, huwa ormaj assodat, anki fil-ġurisprudenza tagħna, illi dina l-azzjoni hija esperibbli "in subsidium", meta ma jkunx hemm favur il-kreditur rimedju kontrattwali jew kważi-kontrattwali (Kollez. XXIX-II-812; XXXIV-III-84). Għal-hekk il-kreditur irid l-ewwel jeżawrixxi d-drittijiet tiegħu derivanti mill-kuntratt jew kważi-kuntratt; u jekk jirriżulta li jkun esperihom inutilment, allura jkun il-każ li wieħed jikkunsidra jekk hemmx jew le lok għall-azzjoni "de in rem verso". Sakemm dawn ir-rimedji ma jkunux ġew eżawriti mill-kreditur għas-sodisfazzjon tal-Qorti, l-azzjoni utili ssir intempestiva;

Illi jirriżulta mill-provi li l-attur kien ġie mqabbad minn Espedito Farrugia, it-tieni raġel tal-konvenuta, biex jagħmel xi xogħol fid-dar deskritta fiċ-ċitazzjoni, appartenenti

tant lilha kemm lill-imsejħin fil-kawża, uliedha mill-ewwel żwieġ; peress li Espedito Farrugia ma ħallasx, l-attur għamillu kawża għas-somma ta' £30, prezz tax-xogħolijiet u spejjeż ta' injam li hu kien għamel f'dak il-fond, u l-kawża ġiet deċiża favur l-attur b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-2 ta' Mejju, 1952; u b'danakollu d-debitur baqa' ma ħallasx. Mit-taxxa ta' l-ispejjeż inkorsi f'dawk il-proċeduri, eżibita fil-fol. 5 tal-proċess, jirriżulta illi l-attur kien għamel kontra d-debitur mandat ta' impediment ta' safar, u li kien ipproroga dak il-mandat darbtejn wara s-sentenza; dana però, fil-fehma tal-Qorti, ma jeżawrix ir-rimedji kollha għad-dispożizzjoni ta' l-attur biex ifittex jitħallas mingħand Espedito Farrugia. Varji u molteplici huma dawk ir-rimedji; imma s'issa l-attur ma jidherx li esperihom;

Illi għalhekk, "rebus sic stantibus", l-azzjoni l-lum eżerċitata mill-attur hija intempestiva;

Għal dawn il-motivi;

Tillibera lill-konvenuta u lill-imsejħin fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż.